# Il-Festi f'Ħal Għaxaq u t-Tieni Gwerra Dinjija

Joe M. Abdilla



Fi żminijiet normali, il-festi jiġu organizzati b'aħjar mod possibbli u kulħadd jipprova jgawdihom mill-aħjar li jista'. Dan kollu jsir meta l-bnedmin ikunu qegħdin jgħixu ħajja normali u trankwilla. Anki f'dawn iż-żminijiet normali, meta individwu partikulari jkollu xi nkwiet jew żmien diffiċli għalih, tista' tgħid li l-festi jkunu l-ewwel ħaġa li dan il-bniedem partikolari ma tantx jaħseb fuqhom.

Issa immaġina ftit meta Malta kollha sabet ruħha imdaħħla fi gwerra, kemm il-Maltin kellhom moħħ biex jibqgħu jorganizzaw il-festi tagħhom. La setgħu u lanqas kien possibbli li jibqgħu jorganizzawhom minħabba l-inkwiet kbir li sabu ruħhom fihom.

It-Tieni Gwerra Dinjija ma faqqgħetx f'daqqa. Kien ilu jinħass li b'dak li kien qiegħed jiġri fl-Ewropa fil-bidu tas-snin 30, kien se jwassal għal xi konflitt kbir. Il-Ġermaniżi kien moħħhom kif se jieħdu artijiet kbar ewropej taħt idejhom u mill-banda l-oħra, it-Taljani kien moħħhom kif se jiddominaw artijiet fl-Afrika ta' Fuq. L-Imperu Brittaniku beda jopponihom u dan wassal biex il-Lega tan-Nazzjonijiet f'Ginevra għamlet sanzjonijiet kbar kemm kontra l-Ġermanja Nazista kif ukoll kontra l-Italja Faxxista u dan kompla kabbar il-possibiltà ta' gwerra.



Il-Kannierja tal-Knisja Parrokkjali fejn kienu jistkennu n-nies ta' Ħal Għaxaq qabel tlestew ix-xelters

Bil-patt ta' Ruma bejn Hitler u Mussolini. il-possibiltà ta' gwerra nbidel għal realtà tant li fl-1939 ġiet iddikjarata gwerra fl-Ewropa bejn l-Imperu Ngliż fuq naħa waħda u l-Ġermanja u l-Italja fuq in-naħa l-oħra. Malta bħala kolonja Ingliża nqabdet f'din il-gwerra. Għalkemm konna kolonja Ngliża, xorta waħda kien hawn ċertu ġibda lejn it-Taljani. Dan jista' jkun minħabba li konna qrib wisq ta' dan il-pajjiż u mill-banda l-oħra l-istess Taljani kienu jqisuna bħala territorju tagħhom.

Barra minnhekk, kien hawn wisq impatt kulturali, reliġjuż u storiku Taljan fuq pajjiżna. Il-Gvernatur ta' Malta, Sr Charles Bonham-Carter, biex ibiegħed dan il-periklu, beda jdur l-ibliet u l-irħula Maltin u jagħmel kuraġġ lill-Maltin biex jibqgħu sodi lejn l-Imperu Ngliż. F'Ħal Għaxaq ġie nhar il-15 ta' Novembru 1936 u ltaqa' mal-Għaxqin kollha fosthom mal-każini tal-Banda li kellhom kontroll sod fuq ir-residenti.



Djar imwaqqa' f'Ħal Għaxaq bil-bombi tal-gwerra 17, Triq Santa Marija

Meta faqqgħet il-gwerra b'mod uffiċjali u l-Maltin baqgħu sodi u lejali lejn l-Imperu Ngliż, pajjiżna sab ruħu attakkat mill-ajru l-ewwel mill-ajruplani Taljani u wara minn dawk Ġermaniżi. F'dan l-inkwiet kollu, kien hawn fuqiex wieħed iħabbel moħħu u l-ewwel ħaġa li neħħew kienu l-festi. Xorta waħda kien isir xi ħaġa f'jum il-festa imma tant kien isir kollox ta' malajr u mingħajr ċerimonji żejda li ħafna Għaxqin lanqas kienu jindunaw li hu jum il-festa tagħhom.

Dun Ġużepp Naudi, il-Kappillan, kien ingħata struzzjonijiet (bħall-Kappillani kollha ta' Malta) mill-Gvernatur waqt iċ-ċerimonja tal-Kandlora tas-sena 1939, li f'każ ta' gwerra kellu jnaqqas sew miċ-ċerimonji reliġjużi biex kemm jista' jkun il-poplu ma jiltaqax f'numru kbir fl-istess ħin u l-festi kienu fost dawk iċ-ċerimonji li kellhom jitnaqqsu jew jitneħħew. Għalkemm fil-knisja parrokkjali kienu jsiru xi ċerimonji qosra u ta' malajr, fuq barra ma kien isir assolutament xejn.

Waqt il-gwerra, f'Ħal Għaxaq twaqqaf Kumitat tal-Protezzjoni tan-Nies li kellu lill-istess Kappillan bħala *Chairman* u lis-Sinjuri Emanuel Spiteri, Edward Buttigieg u Joe Cilia (Kap tal-Iskola) bħala membri. Xogħolhom kien li jieħdu ħsieb it-tmexxija tar-raħal f'kull bżonn. L-ewwel xogħol afdat lilhom kien li jibdew jitħaffru numru ta' xelters bħala protezzjoni għan-nies waqt l-attakki mill-ajru. Sakemm tħaffru dawn ix-xelters, in-nies Għaxqin kienu jistkennu fil-kannierja tal-knisja parrokkjali. F'dan l-istess post ġew merfugħa ħafna mit-teżori tal-knisja parrokkjali fosthom anki l-istatwi ta' Santa Marija u ta' San Ġużepp għalkemm kien hemm żmien li dawn l-istess

statwi ġew merfugħa f'postijiet oħra fosthom anki fi djar privati.

Wara li tlesta t-tħaffir tax-xelter fil-pjazza, il-bini tal-Każin Santa Marija beda jintuża bħala skola u dan minħabba li kien qrib ix-xelter u għalhekk f'każ ta' attakk mill-ajru, it-tfal setgħu jitteħdu jistkennu f'dan ix-xelter.


20, Triq il-Mandraġġ

Is-snin bejn l-1939 u l-1941, f'jum Santa Marija kienet issir biss quddiesa quddiesa kantata f'nharha u daqshekk imma fis-sena 1942, barra l-quddiesa kantata, saret purċissjoni qasira fil-pjazza bir-relikwa tal-Madonna. Il-quddiesa tmexxiet mill-Isqof Emanuel Galea. Matul din il-festa sar talb speċjali minħabba li mill-Ingilterra kienu telqu numru kbir ta' vapuri lejn Malta mgħobbijin b'ikel, żejt u proviżjon. Dan il-vjaġġ kien l-uniku tama li kien baqa' għalina l-Maltin biex nibqgħu nirreżistu kontra l-għadu. Dawn il-vapuri kienu kontinwament attakkati mill-ajruplani tal-għadu u għalhekk kien hawn il-biża li jekk dan il-vjaġġ ma jasalx Malta, aħna kellna nċedu f'idejn l-għadu għax kollox kien spiċċa.

Dan ma kellux iseħħ għax ġranet biss wara Santa Marija, daħlu xi vapuri fil-Port il-Kbir f'dak li sal-lum għadu magħruf bħala l-*Konvoj ta' Santa Marija*. Dan biddel l-andament kollu tal-gwerra. Kieku Malta ċediet f'idejn it-Taljani u l-Ġermaniżi, l-Ingliżi ma kienx ikollhom triq faċli lejn l-Afrika ta' Fuq u għalhekk il-Faxxisti u n-Nażisti kienu jkomplu jiddominaw dawn l-artijiet.


24-25, Triq San Karlu

Fit-28 ta' Awwissu 1942, il-Gvernatur il-ġdid ta' Malta, Lord Gort, ħabbar il-wasla tal-Konvoj u l-ogħti tal-George Cross lill-Maltin għall-qlubija li wrew matul dan iż-żmien diffiċli. Iċ-ċerimonja tal-għoti ta' din il-midalja, saret il-Ħadd, 13 ta' Settembru 1942 f'Misraħ il-Palazz, il-Belt Valletta. Ħafna nies attendew għal din iċ-ċerimonja u Ħal Għaxaq kien rappreżentat mill-Kappillan tal-Parroċċa u mill-President u s-Segretarju tal-Każini tal-Banda. Din l-istess medalja u l-ittra mibgħuta mir-Re Ġorġ VI, bdiet tiġi mdawwra mal-ibliet u l-irħula Maltin fosthom f'Ħal Għaxaq fejn nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, din tpoġġiet fuq pedestall fuq it-taraġ taz-zuntier fejn l-Għaxqin setgħu jarawha.

Wara s-sena 1943, l-attakki mill-ajru bdew jonqsu u għalhekk il-festi f'Malta reġgħu bdew jiġu organizzati b'aktar ħeġġa. Kull sena bdiet issir xi ħaġa ġdida sakemm fis-sena 1945, il-festi bdew isiru b'mod normali. F'din l-istess sena, il-festa ta' Santa Marija kienet waħda minn dawk il-kbar tant li anki l-Banda Santa Marija taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmelo Baldacchino ħadet sehem fil-purċissjoni b'daqq ta' innijiet Marjani.


Il-Purcissjoni nhar il-festa ta' Santa Marija fl-1945

Kif rajna, iż–żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija kien wieħed ta' tbatija u faqar kbir. Għalkemm il-poplu Malti kellu jinfatam mid-drawwiet u t-tradizzjonijiet reliġjużi tiegħu minħabba dawn l-istess tbatijiet, xorta waħda ma nsiehomx tant li kif appena l-piż tal-gwerra beda jonqos minn fuq Malta, il-Maltin reġgħu irrikorrew lejn it-tradizzjonijiet reliġjużi tiegħu. Għalkemm Malta kienet għadha mkissra bl-attakki tal-bombi, u Ħal Għaxaq kien qiegħed fl-istess qagħda tal-kumplament tal-pajjiż, mal-ewwel okkażjoni l-Għaxqin bdew jaħsbu kif se jerġgħu jibdew jorganizzaw il-festi tagħhom.

Dak li lanqas it-Tieni Gwerra Dinjija ma rnexxiliex tagħmel, (jiġifieri li toqtol il-festi reliġjużi Maltin) ara ma nkunux aħna stess li nippruvaw nagħmlu dan. Il-festi Maltin għadhom b'saħħithom sal-lum għax bżajna għalihom. Noqogħdu attenti li bl-attivitajiet li llum qegħdin norganizzaw ma nitilfux it-tifsira tat-tradizzjonijiet marbuta mal-festi. Illum, waqt il-ġranet tal-festi qegħdin norganizzaw attivitajiet li tista' ssejħilhom kollox imma żgur li ma tistax torbothom mal-festi. Ma nħallux li dawn l-attivitajiet inessuna l-veru valuri tal-festa Maltija.